# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 76

17 t'April 2024

Is-sitta u sebgħin (76) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 17 t'April 2024 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 76.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

76.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 76.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

76.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-ħamsa u sebgħin (75) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

76.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (SSH, JAE, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AD)

76.2.3. Il-Viċi Sindku qal li hu kien ser jastjeni peress li ma kienx preżenti għal-laqgħa li għaddiet.

76.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.2.3 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li ma kienx hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

76.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 75.2.4 rigward id-dawl u r-rifletturi tad-dawl bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Phoenicia Hotel. Is-SE qal li kien bagħat lit-TM u lill-IM iżda m'hemmx risposta. Is-Se qal li l-kuntrattur qed jgħid li m'hemmx demarcation box u għandu jtina risposta fuq kif ser nipproċedu. Il-Viċi Sindku AD qal li l-ewwel trid issir applikazzjoni għall-STL. Il-Kunsillier JAE talab li terġa' tintbagħat tfakkira.

76.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.2.5 rigward it-tabelli tal-*iscooters* fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

76.2.7. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk it-tabelli tal-multi kienux ġew aġġornati bl-arma u l-ammonti-il ġodda. Is-SE qal li sa fejn jaf hu kienu ġew aġġornati kollha iżda talab li jkun informat f'każ li jiġu nnotati xi tabelli li għadhom ma ġewx aġġornati.

76.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-marki li hemm mas-siġar tal-Masġar tal-Ġublew. Is-SE qal li ma kienx hemm żvilupp. Il-Kunsillier JAE talab li terġa' tintbagħat tfakkira.

76.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.2.9 rigward il-kameras ta' Bieb il-Bombi. IS-SE wieġeb li sa dakinhar ma kienx hemm risposta. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-perit dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-Funtana tal-Iljun. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jikkomunika mal-Perit.

76.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.2.10 rigward il-planters ta' ħdejn l-istatwa ta' San Publju fi Triq San Publju kantuniera ma' Triq il-Miratur. Is-SE qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur-il ġdid u kienu ġew ordnati disa' planters simili ta' dawk li hemm fuq iz-zuntier. Il-Kunsillier JAE qal li huwa importanti li l-planters ma jostakolawx l-armar tal-festa. Is-SE qal li dan kien ġie assigurat peress li l-ordni saret matul żmien il-festa u kien hemm l-armar diġa.

76.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.4.11 u staqsa jekk hux ser ikun qed jaħdem fuq il-planters ta' Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Is-SE ikkonferma dan u nforma li kien diġà tkellem miegħu bi preparazzjoni għall-attività tad-9 ta' Mejju 2024.

76.2.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materji nru 75.4.1 rigward it-tabelli tal-veloċità fi triq Sant 'Anna u fi triq nazzjonali. Is-SE qal li huma kienu nformaw li dawn kienu saru iżda meta vverifika, jidher li ma kien hemm xejn. Huwa qal li kien bagħatlu biex jinformah b'dan. Il-Kunsill qabel li jieħu r-ritratti ħalli jkun jista' jikkomunika magħhom u jissostanzja dan.

76.2.12.1. Is-Sindku qal li kellhom jagħmlu wkoll il-barriers fil-kantuniera. Is-SE qal li rigward il-barriers, hu kien ikkonferma li dawn għadhom ma sarux.

76.2.13. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 75.4.4 u staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament rigward ix-xogħol fi Triq l-Imħażen. Is-Sindku qal li x-xogħol kien qed isir bilmod iżda l-Ħamis ta' qabel il-festa, il-Kunsill kien talab lill-kuntrattur jieqaf u hekk sar. Is-Sindku qal li l-problema hi li l-kuntrattur kien ħa kuntratt mingħand il-Go sabiex jagħmel il-ħofor tal-Go u għalhekk jidher li d-dewmien ġie kkawżat minħabba l-ħofor. Huwa kompla billi qal li biex jgħattu l-ħofor kienu għamlu l-pjanċi iżda dawn bdew jagħmlu ħafna storbju. Is-Sindku qal li kien ikkuntattja lill-Infrastruttura Malta u lill-Pulizija u jidher li għandu jemenda s-sitwazzjoni.

76.2.14. Is-SE qal li hu kien informat li kellu jiġi jitfa' r-ramel.

76.2.15. Il-Kunsilliera SSH qalet li r-ramel kien ġie mitfugħ iżda bil-karozzi ċċattja u ma tantx għamel differenza.

76.2.16. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie mogħti skeda tax-xogħlijiet se jsiru u t-toroq li jmiss ħalli idealment l-istorja ma terġax tirrepeti ruħha. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma kienx ġie mogħti skeda.

**Nota: 17:28 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

76.2.17. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u qabel li għandha tinħareġ stqarrija li tispjega d-dewmien kif ukoll tinforma li għalkemm ir-responsabbiltà tax-xogħol fuq din it-triq ma kinitx responsabbiltà tal-Kunsill, il-Kunsill xortawaħda għamel li seta'. Is-SE nforma li ser jibgħat l-istqarrija lill-kunsillieri qabel ma din tiġi ppublikata.

76.2.18. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 75.4.9 u staqsiet jekk kienx hemmx risposta rigward il-ħajt tal-Phoenicia Hotel. Is-SE qal li ma kienx hemm risposta.

76.2.19. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 75.4.12 u staqsiet jekk kienx hemm risposta. Is-SE nforma li kien kiteb lid-Direttur tal-Istitut Kattoliku iżda sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta.

76.2.20. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-planters ta' Pjazza Papa Ġwanni u talbet li jnżebgħu. Is-SE qal li għandu jiltaqa' mal-kuntrattur-il ġdid sabiex issir manutenzjoni tal-pjazza u l-parti ta' warajha.

## 76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

76.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel referenza għall-attivitajiet li ser jittellgħu nhar id-9 ta' Mejju.

76.3.1.1. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ikkomunika ma' persuna dixxendenti ta' Vilhena u kien laqa' l-istedina tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li kien qed jistenna konferma sabiex jara jekk il-persuna hux ġejja waħedha jew ma' xi ħaddieħor.

76.3.1.2. Is-Sindku qal li kienet idea tajba li jkun hemm kemm dixxendent ta' Vilhena kif ukoll ta' Pietro Paolo Floriani.

76.3.1.3. Is-Sindku kompla billi qal li l-banda tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena ser tkun involuta fiż-żewġ attivitajiet u għalhekk talab li ssir laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi d-dettalji.

76.3.1.4. Is-Sindku qal li għall-quddiesa tad-9 ta' Mejju 2024, kienet ser tkun preżenti l-E.T. il-President ta' Malta. Wara ser jitpoġġew il-fjuri fuq il-monument ta' Vilhena u ser isir ukoll riċeviment.

76.3.1.5. Is-SE qal li ġew ikkuntattjati wkoll il-Forzi Armati ta' Malta biex mal-wasla tal-President, ikun hemm salut però għad irid jirċievi konferma jekk dan jistax isir minħabba l-protokoll.

76.3.1.6. Is-SE qal li dakinhar stess kien għadu kif ikkomunika mal-uffiċċju tal-President sabiex jara jekk il-President hux ser tipparteċipa fil-mixja ta' wara l-quddies. Dan irid jiġi kkonfermat u jiddependi fuq l-impenji l-oħra li jkollha l-President dakinhar.

76.3.1.7. Is-SE kompla billi qal li l-inviti formali kienu ser jintbagħtu dalwaqt.

76.3.1.8. Il-Kunsillier JAE ppropona li jiġu mistiedna wkoll il-forzi tal-ordni bħalma huma s-Civil Protection Department, il-Pulizija u l-AFM. Is-SE qal li l-Pulizija kienu mistednin kif ukoll l-għaqdiet lokali u r-rappreżentanti tagħhom pero ser jieħu nota sabiex jibgħat inviti lis-CPD u l-AFM.

76.3.1.9. Is-SE kompla billi qal li l-quddiesa ser titmexxa mill-Arċipriet u kien talab ukoll lista ta' qassisin, patrijiet u sorijiet li servew fil-parroċċa sabiex ikunu mistiedna għal din l-attività.

76.3.1.10. Is-SE kompla billi ta rendikont tal-lista ta' nies li kienu mistednin għall-attività sabiex il-kunsilliera jkunu informati. Il-Kunsill innota l-lista tal-mistednin u kien hemm xi proposti biex jiżdiedu xi nies li ma kienux fil-lista.

76.3.1.11. Is-SE spjega li dakinhar tal-attività, mil-Knisja ser ikun hemm mixja għal fuq il-monument ta' Floriani u wara għal fuq dak ta' Vilhena fejn imbagħad hemmhekk ser isir riċeviment għall-mistednin.

76.3.1.12. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni għall-billboard li twaħħal fi Pjazza Papa Ġwanni. Is-SE qal li meta twaħħal dak il-billboard kien bagħat lil Transport Malta però sa dakinhar kien għad ma kellux risposta mingħand TM.

76.3.1.13. Is-SE kompla billi qal li jixraq li l-attività tkun waħda formali inkluż l-ilbies. Huwa qal li kien ikkomunika sabiex ikun hemm kor fil-knisja kif ukoll mużiċist waqt ir-riċeviment.

76.3.1.14. Is-SE qal li għandu jitkellem ukoll m'organizzatur tad-dawl u s-sawnd sabiex jiġi diskuss kif ser tintrama' ż-żona għal dakinhar tal-attività u jkun hemm ukoll pjan ta' kontinġenza f'każ li jkun il-maltemp.

76.3.1.15. Is-SE ippropona li ssir laqgħa mal-President tal-Banda Vilhena u ma' tal-Armar għall-arranġamenti ta' loġistika; qal ukoll li l-President tal-Banda Vilhena talab sabiex jiġi allokat ħin għad-dixxendent tal-Gran Mastru biex ikun jista' jżur il-Każin Banda.

__**Nota: 18:01 Il-Viċi Sindku AD talab li jkun skużat.**__

76.3.1.16. Is-SE qal li l-attività għandha tkun reklamata fuq l-istazzjonijiet televiżivi idealment f'xi slot matul il-ġimgħa.

76.3.1.17. Is-Sindku ppropona li ssir konferenza stampa fejn jitħabbar il-programm għal din l-attività u tiġi mistiedna s-Segretarju Parlamentari. Il-Kunsill qabel li ssir il-Konferenza Stampa imma ma qabilx li tiġi mistiedna s-Segretarju Parlamentari peress li din hija attività organizzata mill-Kunsill.

76.3.1.18. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi limitazzjonijiet minħabba li l-attività kienet qrib l-elezzjoni. Is-SE qal li l-attività kienet waħda lokali u mhux politika u għalhekk ma kien hemm l-ebda restrizzjonijiet.

**<u>Nota: 18:03 Il-Viċi Sindku AD irritorna għal-laqgħa.</u>**

76.3.2. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand resident fejn talab li ssir plakka kommemorattiva li tfakkar it-tmenin sena mil-waqfa tal-Floriana Ajax. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil min bagħat l-ittra sabiex jitkellem mal-Floriana FC.

76.3.3. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Publju biex flimkien jorganizzaw banda għall-okkażjoni tal-150 sena tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana u f'Malta nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024.

**<u>Nota: 18:17 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.</u>**
**<u>18:21 Il-Kunsillier JAE irritorna għal-laqgħa.</u>**

76.3.3.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €500.

76.3.4. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand Social Enterprise Ecomarket u Friend of the Earth li talbu li jorganizzaw attività nhar l-20 u l-21 ta' Settembru fiż-żona tal-Biskuttin. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx u qabel li joffrilhom li jieħdu sehem fl-attività ta' Ġenna ta' Ġonna minflok.

76.3.5. Is-Sindku għamel riferenza għall-kumpanija Bulletproof u spjega kif il-Heritage kienu oġġezzjonaw għall-post propost fejn għandu jsir l-open gym. Is-SE spjega kif ġiet proposta żona ġdida fejn jista' jsir dan l-open gym. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx maż-żona 'l ġdida li kienet ġiet proposta.

76.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Eclaslo fejn talbu li l-Kunsill jirrikunsidra l-ispazju ta' parkeġġ riservat li kien allokat lilhom.

**<u>Nota: 18:30 Is-Sindku talab li jkun skużat.</u>**
**<u>Il-Viċi Sindku AD ippreseda l-laqgħa.</u>**

76.3.6.1. Is-SE spjega s-sitwazzjoni sa dakinhar u r-raġunijiet preżentati minnhom għal din it-talba.

**<u>18:33 Is-Sindku reġa' rritorna għal-laqgħa.</u>**

76.3.6.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-parkeġġ jiġi rilokat fl-aħħar spazju ta' parkeġġ mal-istess bankina fejn jinsab preżentament fi Triq San Franġisk in-naħa tal-blokka tal-Housing.

76.3.7. Is-Sindku VB ressaq kwotazzjoni għal xiri ta' bins. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-kuntrattur jekk għandux bins bħal ma kkwota iżda magħluqin sabiex it-tank ma jkunx jidher. F'każ li le, allura l-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-bins kwotati.

76.3.8. Is-Sindku għamel riferenza għall-avveniment tal-għeluq it-300 sena u għar-rigal li kellhom jinxtraw għar-residenti sabiex iservu ta' memorja f'din l-okkażjoni. Is-SE qal li sa dakinhar kienu ġew konfermati l-basktijiet tad-drapp u l-keychains tat-trolleys. Huwa kompla billi qal li kienu qed jintalbu kwotazzjonijiet għal mugs jew xi alternattiva għalihom. Huwa kkonkluda billi qal li kull residenza kien se jkollha pakkett b'dawn it-tifkiriet, li jinġabar mil-Kunsill stess.

## 76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

76.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jiġu installati żewġ dog bins fi Sqaq Harper. Il-Kunsill qabel.

76.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill huwiex informat bil-kunċerti li se jsiru fuq il-Fosos fis-Sajf. Is-SE ta rendikont tal-kunċerti li huma kkonfermati.

76.4.2.1. Il-Kunsillier JAE qal li ra xi reklami ta' xi kunċert u staqsa x'jista' jsir dwar dan ġaladarba l-kunċert qed jiġi reklamat mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-SE talab lill-Kunsillier JAE sabiex jibgħatlu r-reklam ħalli jkun jista' jikkuntattja lill-organizzatur.

76.4.2.2. Is-SE qal li meta l-Kunsill kien iltaqa' mal-MTA kienu nformaw li kienu ser jibgħatu programm tal-attivitajiet li hemm pjanati għas-Sajf.

76.4.3. Il-Kunsillier JAE qal li jinsab informat bil-periklu li kien hemm fi Triq Sant'Anna u talab li l-Kunsill jerġa' jkellem lill-Pulizija sabiex jerġa' jsir it-tape. Huwa propona wkoll li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija li ssir komunikazzjoni mas-sid sabiex dan il-periklu jitneħħa.

76.4.4. Il-Kunsillier JAE ressaq talba mingħand il-Floriana FC sabiex jitħallew armati l-bozoz ta' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallew sa Mejju.

76.4.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet dwar it-timer tal-funtana tal-iljun. Is-SE qal li t-timer kien f'idejn il-Works Department.

76.4.6. Il-Kunsilliera JP talbet li tinġibed l-attenzjoni sabiex isir bus stop temporanju ħdejn ir-Royal Bazaar. Il-Kunsill qabel speċjalment issa li daqt jibdew l-attivitajiet.

76.4.7. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-ħofor li hemm fi Pjazza Emanuel S Tonna. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikkomunika magħhom.

76.4.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva applikazzjoni għal xi platform taħt il-bankina fi Triq San Tumas. Is-SE qal li sa dakinhar ma kien irċieva xejn.

76.4.9. Il-Kunsillier SSH staqsiet jekk jistgħux jissaqqew il-qsari li kienu saru mit-Tourism Zone. Is-SE qal li kienet saret it-tisqija tagħhom dakinhar stess kif ukoll tindif taż-żona tal-madwar. Huwa wera xi ritratti li kien bagħtlu l-kuntrattur għall-attenzjoni tal-Kunsill.

76.4.10. Il-Kunsilliera SSH fakkret biex jinżraw xi xtieli fil-Housing Estate. Is-SE qal li għandu jinforma lill-kuntratt b'daż-żewġ btieħi.

## 76.5 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

76.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 76.6 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti**

76.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 59/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

76.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u ssekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

76.6.2. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda tal-petty cash għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

76.6.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u ssekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-iskeda tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 76.7 **Jum il-Fondazzjoni tal-Lokalità – 9 ta' Mejju**

76.7.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement fil-materja nru 76.3.1.

## 76.8 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

76.8.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:25 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2024 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 16 ta' Mejju 2024**

(iffirmat)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv